MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 40/K7/2016 |
| Data: | It-Tlieta 26 ta' Jannar 2016 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fil-17:36 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Dr. Alex Sciberras<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Emanuel Brincat 17:59<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius<br>Sur Alan Abela Wadge |
| | Skużati | Sur Matthew Mangion - Chairman KAS<br>Sur Matthew Agius |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

Fuq talba tal-Kunsillier is-Sur C Selvaggi saret minuta ta' silenzju minn dawk preżenti b'rispett lejn il-memorja tas-Sur Anthony Cachia Castelletti, eks-Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1808 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 39/K7/2015 hekk kif emendati, imtella' nhar il-21 ta' Diċembru, 2015. Dr. A Sciberras issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2. Materji mill-Minuti

1809 Dwar 1788. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra li l-mod li bih wieġbet il-Perit Testaferrata De Noto nhar il-11 ta' Jannar għandha tkun meqjusa bħala attitudni kundannabbli u li l-Kunsill għandu jisħaq li l-*pedestrian crossing* tiċċaqlaq minn fejn l-Għassa tal-Pulizija biex tersaq iktar 'l fuq.

1810 Dwar 1789. Is-Segretarju talab lis-Sur C Selvaggi jiskużah li għadha ma ntbagħtietx l-ittra lir-rappreżentanti tal-Għaqdiet dwar il-korsijiet tal-First Aid. Wiegħed li se tkun qed tintbagħat fil-ġimgħa li ttellgħet il-laqgħa.

Is-Sur E Brincat daħal fil-kamra fis-17:59.

1811 Dwar 1787. Dwar il-belvedere is-Sur E Brincat qal li għandu jkun notifikat il-Perit biex il-Kunsill ikollu diżinn li jaqbel dwaru mal-Kumitat Amministrattiv, għal Triq Indri Grima k/m Triq is-Swatar.

1812 Dwar 1795. Is-Sur E Brincat qal li min-naħa ta' Arcidiacono Ltd. qed jintalab li titneħħa lanterna li twaħħlet mal-faċċata tal-azjenda tiegħu. Dr. A Sciberras qal li n-natura tal-kawża f'dan il-każ huwa li Arcidiacono Ltd. ħassewhom aggravati meta din reġgħet twaħħlet mingħajr ma ġew avżati. Is-Sur E Brincat issuġġerixxa li din tkun imċaqilqa b'tali mod li jinżamm dawl adekwat a spejjeż tal-azjenda. Hu ssuġġerixxa li jsiru arbli quddiemu bid-dwal. Dr. A Sciberras qal li jeħtieġ issir talba bil-miktub min-naħa tiegħu. Is-Sur E Brincat qal li t-talba li qed issir min-naħa ta' Arcidiacono Ltd. għal

un/loading bay hija ġustifikata u ssuġġerixxa li un/loading bay jitneħħa minn Rue D'Argens (fejn in-Nissan) u jiġi viċin ta' Arcidiacono Ltd.

1813 Dwar 1796. Is-Sindku qalet li l-uniku żvilupp li kien hemm kien li l-Kunsill ntalab jgħaddi kopja tal-aħħar kuntratt li kien inħareġ dwar il-latrini pubbliċi sabiex jitkompla l-proċess ta' tħejjija sabiex bosta latrini pubbliċi jkunu jaqgħu taħt tender wieħed.

1814 Dwar 1798. Is-Sur C Selvaggi qal li fid-dawl tal-fatt li l-Ministeru għat-Trasport qal li se tkun qed issir riforma oħra fil-qasam tat-trasport pubbliku ssuġġerixxa li bħala Kunsill għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-pubbliku bil-għan li ċ-ċittadin ikun jista' jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu dwar titjib fit-trasport pubbliku. Il-Viċi Sindku qal li fir-rigward tat-trasport pubbliku wieħed irid joqgħod attent li ma jkunx inkoraġġit li l-Karozza tal-Linja tgħaddi minn kullimkien b'tali mod li ddur minn kull triq li s-servizz tant li wieħed ma jkunx jista' jasal malajr. Ser issir konsultazzjoni mal-pubbliku permezz tan-notice boards.

1815 Dwar 1801. Is-Sra Rachel Aquilina ġiet notifikata li se jkun qed jiġi rivedut il-ftehim relatat mal-impjieg tagħha dwar it-telework.

1816 Dwar 1804. Is-Sindku qalet li minbarra ż-żifna tal-Karnival tas-7 ta' Frar, se tkun qed tiżdied attivita' ta' kompetizzjoni tal-isbaħ kostum tal-Karnival mill-Ghaqda tal-Banda.

## 3. Korrispondenza

1817 B'referenza għal talba mill-Kummissjoni Żgħażagħ Ġużeppini datata 14 ta' Jannar, 2016, il-Kunsill laqa' t-talba li ssir *carwash* f'Misraħ il-5 ta' Ottubru.

1818 B'referenza għal talba li saret b'imejl mis-Sur Karl Giusti datata 4 ta' Jannar 2016, il-Kunsill qabel li din it-talba għal danni li s-Sinjur qiegħed isostni li sofra għandh tiġi riferuta lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

1819 Dwar it-talbiet magħmula mill-Uffiċċju Parrokkjali permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar 2016, il-Kunsill qabel li t-talbiet dwar il-Pellegrinaġġ Penitenzjali, il-Purċissjonijiet tad-Duluri, il-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm u nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, jintlaqgħu kif mitluba.

1820 B'referenza għal ittra datata 18 ta' Jannar 2016, mibgħuta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tinħatar President fil-Kunsill Skolastiku tal-iSkola Primarja ta' L-Imsida.

1821 Dwar korrispondenza reġistrata 41/0093/16/I, is-Sindku rreferiet l-istatistika tas-self ta' kotba li sar fil-librerija.

1822 Is-Sindku semmiet talba għal *un/loading bay* li saret mis-soċjeta' Ernst and Young. Qalet li se tkun qed issir referenza għal-linji gwida ta' Transport Malta u l-Kunsill iwieġeb b'referenza għal-linji gwida.

1823 Is-Sur C Selvaggi qal li huwa importanti li jsir ir-rapport ta' Triq il-Ġostra. Qal li hemm bżonn tinkiteb imejl biex il-Perit jibgħat ir-rapport.

1824 Dwar korrispondenza reġistrata 41/0040/16/I. Is-Sindku qalet li hemm il-ħsieb li jkun hemm grupp ta' nies li jaħdmu mal-IPSL li jagħtu s-servizz tagħhom fuq bażi reġjonali.

1825 Dwar 41/0125/16/I. Is-Sur E Brincat qal li dwar il-proġett fi Triq Ċensu Farrugia ġie maqbul li ma jkunx hemm arloġġi tal-ilma u tad-dawl. Dwar l-ilma l-ħsieb huwa li tintuża pompa biex jitla' l-ilma mill-ġiebja.

## 4. Ħlasijiet

1826 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 18/12/2015 sa 22/01/2016 tiġi approvata. Il-Kunsilliera s-Sra R Galea ssekondatha. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**5. Komunikazzjoni minn laqgħat li saru**

1827 Is-Sindku qalet li kien hemm laqgħa mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi fir-rigward ta' diversi aspetti in konnessjoni mat-Trasport u l-Infrastruttura. Is-Segretarju qal li l-Ministeru lest li joffri s-servizz ta' paver u dak tal-ħaddiema tal-Ministeru. Il-Kunsill għandu min-naħa tiegħu jipprovdi tunellaġġ tal-asfalt u *scarifier*. Is-Sur E Brincat qal li ssemmew ukoll il-pont li kien sar mill-Awtorita' Marittima fejn il-Misraħ San Ġużepp.

1828 Is-Sindku u s-Segretarju kellhom laqgħa mas-Segretarju tal-Kunsill Studenti Universitarji. Dan issuġġerixxa li ssir tinda għall-istudenti 'l fuq mill-entratura tal-Juniour College. Din it-talba ma ntlaqgħetx mill-Kunsill.

**6. Laqgħa tal-Lokalita'**

1829 Il-Kunsill approva li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2016 fis-6:30pm.

Is-Sur Alan Abela Wadge daħal fil-kamra fis-19:16.

**7. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill**

1830 Dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq San Alwiġi, is-Sur E Brincat propona li tiġi *one way* kollha l'isfel mill-azjenda Continental. Is-Sur Maurice Agius qal li ma jaqbilx li jsir hekk għaliex ir-residenti tax-Xmiexi ma jkollhomx minn fejn joħorġu meta tagħmel xita bil-qliel. Is-Sindku qalet li dawn ir-residenti jkunu jistgħu joħorġu minn fejn Triq il-Wied jew minn Triq it-Torri. Il-Viċi Sindku qal li japprezza l-argument dwar ir-residenti ta' Triq tax-Xmiexi iżda jeħtieġ li jkun hemm soluzzjoni għall-akkwata. Ġie maqbul li ssir konsultazzjoni mar-residenti li se jkollhom impatt minn dan l-immaniġġjar tat-traffiku qabel ma tkun proposta quddiem Transport Malta skont kif propost mis-Sur E Brincat.

1831 Dwar Triq Santa Venera s-Sur E Brincat qal li qed ikun suġġerit li minn Triq Kalċidon Schembri tkun one way l'isfel. Ġie deċiż li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti u wara tiġi suġġerita lil Transport Malta.

1832 Is-Sur Degabriele kien bagħat talba għal riżarċiment ta' danni li sofra fi Triq il-Wied fuq il-vettura tiegħu datata 2 ta' Lulju 2015. Din it-talba għal 55 ewro ġiet approvata.

1833 Industrial Motors Limited talbet li tqiegħed karozza eżebita faċċata tax-*showroom* tan-Nissan. Il-Kunsill qabel li jingħata l-permess suġġett għar-rati applikabbli mill-permessi.

1834 Puttinu Cares talbu li jitqiegħed billboard mingħajr ħlas. Ġie deċiż li dan għandu jitqiegħed quddiem il-latrina fejn soltu kien ikun armat dak tal-armar. Ġie maqbul li jsir malli tidħol għall-monument tal-ħaddiem.

1835 Dwar talba tal-għaqda studenteska SDM għas-26 ta' Frar, ġie deċiż li l-għaqda għandha tkun mitluba tagħmel dan il-permess fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bini tal-Juniour College.

1836 Dwar it-talba tat-TCTC sabiex isir kors intitolat EM Citizen, il-Kunsill iddeċieda li din il-kwestjoni l-Kunsill se jkune qed jistenniha tkun diskussa f'livell ta' Reġjun.

## 8. Affarijiet oħra

1837 Is-Sur Maurice Agius qal li t-tielet pot fi Triq il-Prinċipessa Margerita tressaq u li jeħtieġ isir bejn il-*parking bays*. Qal li hemm bżonn jinbidel dustbin fl-istess triq, quddiem il-*Continental*.

1838 Is-Sur Maurice Agius qal li fi Triq l-Universita' tneħħa l-iscaffolding. Saqsa meta se tkun qed tinbeda din il-bankina. Is-Sur E Brincat qal li l-*Letter of Acceptance* ta' Triq l-Universita' irċeviha l-kuntrattur u hemmhekk tista' tinbeda.

1839 Is-Sur M Agius qal li fir-rigward tal-Un/Loading Bay ta' fejn Jon Davies qed tintuża minn karozza privata u mhux għall-iskop li qiegħda għaliha.

1840 Is-Sur Maurice Agius qal li dwar ir-rampi tal-konkos fi Triq it-Tabib Naudi hemm il-bżonn li jitneħħew ir-rampi minn quddiem il-garaxx. Nistennew rapport min-naħa tal-Contract Manager.

1841 Is-Sur Maurice Agius qal li l-klabb tal-Manchester United baqa' joħroġ il-boroż tal-iskart. Se tkun qed terġa' tintbagħat korrispondenza lil dan il-klabb.

1842 Dwar it-tinda tal-klabb tal-boċċi is-Sur Maurice Agius qal li jeħtieġ ikun verifikat jekk hemmx permessi dwarha. Il-Viċi Sindku qal li tajjeb li wieħed jagħmel rikjesta lid-Dipartiment tal-Artijiet biex ikun verifikat jekk il-Klabb tal-Boċċi għandux xi tip ta' encroachment. Nassumu li hemm il-binja u l-pitch.

Il-Viċi Sindku u s-Sur E Brincat ħarġu mill-kamra fit-20:22.

1843 Is-Sur C Selvaggi qal li fi Triq Victor Denaro ma' Triq l-Iskola għandu jkun iċċekkjat li l-linji sofor doppji qiegħdin ħames metri bogħod mill-kantuniera.

1844 Ġie deċiż li tkun miżjud landa taż-żibel għall-żmieġ tal-klieb fi Triq Achille Ferris.

1845 Is-Sindku qalet li fl-iMsida Circus se jkun qed isir ix-xogħol meħtieġ biex dak li ġie maqlugħ ikun magħmul mill-ġdid. Is-*substation* tal-Enemalta hija maħsuba li tinżamm hemmhekk.

1846 Is-Sra Romina Galea semmiet il-problema dwar il-karozzi tal-AVIS f'Misraħ 5 ta' Ottubru u Triq ix-Xatt tal-Imsida. Se tkun qed terġa' tinkiteb ittra lis-Supretendent u l-Kummissarju.

1847 Is-Sur Maurice Agius semma' l-ilma li qed jinżamm f'Rue D'Argens ma' Triq Dr. R Naudi u Triq il-Makna tas-Serrar.

1848 Dwar proposta biex jitwaħħlu bins mis-soċjeta' OPAL, il-proposta li dawn jitwaħħlu intlaqgħet suġġetta għal tliet xhur konċessjoni mir-rati tal-*bye law*.

**9. Aġġornament**

1849 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Frar 2016 fil-17:30.

Tmiem: 20:36 hrs

Minuti approvati llum ___________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv